# Mill-Gebla Zonqrija Qalija...



Minn hawn u ftit tax-xhur oħra l-parroċċa tagħna ser ikollha altar mejda ġdid, altar ta' l-irħam, bi stil adattat għall-arkitettura tal-knisja Arċipretali. Meta saret ir-riforma Liturġika, wara l-Konċilju Vatikan it-Tieni, fil-knejjes kollha sar adattament biex isir **l-altar - mejda** kif mitlub mill-Liturġija. Anke l-Parroċċa tal-Qala adattat ruħha skond l-eżiġenzi mitluba. Bħal daż-żmien sena tajna rkaptu biex nagħmlu l-art ta' madwar l-altar billi sar l-estensjoni tal-Presbiterju. Din il-biċċa xogħol irnexxiet ħafna, tant li n-nies bdiet tistaqsi, jistax il-Knisja monumentali tagħna jkollha ambone, sedja, altar u battisteru ta' l-irħam. Id-determinazzjoni li wrew in-nies tal-Qala fil-ħidma u fil-ġbir ta' l-offerti biex isir il-Presbiterju mlewna b'tant kuraġġ, tant li l-istess skultur u disinjatur is-sur Ronnie Pisani poġġa quddiemna disinn ta' altar mejda li ntgħoġob ħafna.

**B'xorti tajba:** Grupp ta' nies ħabrieka mill-parroċċa ndividwaw ġebel, irħam sabiħ, mill-blata żonqrija tar-raħal tagħna, li nġabar u ttieħed Malta biex jinħadem. Hekk l-altar tagħna ser ikollu irħam li ser jinġab mill-Italja (Carrara) u partijiet mill-irħam li tat il-ġebla Qalija, liema materjal jinsab f'diversi Knejjes, Katidrali u postijiet ewlenin f'Malta u f'Għawdex.

**Skop:** Ix-xewqa tagħna hi li f'din is-sena Ewkaristika u Sena tal-ġublew għal żmien il-festa jkollna Altar Mejda Ġdid.

**Grazzi:** Il-poplu tal-Qala, bħal f'kull okkażjoni oħra wera ġenerożità kbira. L-offerti għas-somma meħtieġa kważi nġabru u dan kollu fi żmien xahar. Grazzi.











Waqt il-ġarr tal-ġebel lejn Malta

**Grazzi lil kull min ta' sehmu...**

- Pawlu Vella
- Toni Debono
- Raymond Abela
- Dun Ġużepp Vella
- Mario Camilleri
- Joe Mifsud
- John Thuema
- Raymond Cefai
- Leli Mercieca













# ..għall-Mejda ta' l-Ewkaristija